# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **20 TA' MEJJU 2018**

**Kandidati għall-Griżma tal-Isqof u Festa ta' Pentekoste**
Għada l-Ħadd 20 ta' Mejju 2018 fil-quddiesa tad-9.15am mistiedna l-adolexxenti flimkien mal-familji tagħhom li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof fl-20 u fil-21 ta' Ottubru 2018.

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**
Għada l-Ħadd 20 ta' Mejju 2018 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

**Grupp tar-Romol**
Għada l-Ħadd 20 ta' Mejju 2018 ser jibda jiltaqa' l-Grupp tar-Romol fil-Knisja Parrokkjali għall-quddiesa tas-6.00pm u wara laqgħa flimkien. Inħeġġu lir-romol sabiex jattendu.

**Festa ta' Marija Omm il-Knisja**
It-Tnejn 21 ta' Mejju 2018 fis-6.30pm niċċelebraw il-festa ta' marija Omm il-Knisja fil-quddiesa tas-6.30pm.

**Festa ta' Santa Rita ta' Cascia**
It-Tlieta 22 ta' Mejju 2018 fil-quddiesa tas-6:30pm niċċelebraw il-festa ta' Santa Rita ta' Cascia.

**Kunsill Pastorali Parrokkjali**
It-Tlieta 22 ta' Mejju 2017 fis-7:15pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fis-Sala Sant'Anna.

**Quddiesa għaż-żgħażagħ**
Il-Ħadd 27 ta' Mejju 2018 fit-8:00pm issir quddiesa għaż-żgħażagħ fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju, fil-Villa Apap Bologna.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**
It-Tnejn 28 ta' Mejju 2018 wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Ħolqa Bejnietna – Ktieb tal-Festa 2018**

Dawk li jixtiequ jirreklamaw fil-ħarġa speċjali tal-Programm tal-Festa ta' Sant'Anna, jistgħu ikellmuna fis-sagristija.

**Majjalata fuq iz-Zuntier**

Il-Ġimgħa 29 ta' Ġunju 2018, huwa xahar eżatt qabel il-festa ta' Sant'Anna, għalhekk ser norganizzaw Majjalata fuq iz-zuntier tal-knisja u li fih ser nixegħlu partijiet oħra mill-Knisja Parrokkjali bil-bozoz *LEDs*. Nibdew fis-7:30pm u ser ikun hemm ukoll varjetà ta' għanjiet Maltin mill-*band* tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tattendu u biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija.